# QORTI ĊIVILI

# PRIM' AWLA

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**DIGRIET FINALI**

**ILLUM, 25 TA' JANNAR 2022**

**Rikors Revoka nru. 921/2021 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv nru 909/2021 fl-ismijiet:**

**Carmelo sive Charles Bianco ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Western Company Limited**

**Vs**

**Jamila Essail**

**Il-Qorti,**

Dan huwa digriet finali dwar rikors ippreżentat fis-**17 ta' Settembru 2021 mis-sekwestrata Jamila Essail** li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed titlob illi fit-termini tal-artikoli 381 u 382 tal-Kap. 12 il-Qorti tħassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fuq imsemmi billi tneħħi l-effetti tiegħu minn fuq is-sekwestratarju Bank of Valletta p.l.c.

Ir-rikorrenti tispjega illi fil-5 ta' Novembru 2020 ġiet intavolata kontra tagħha mill-intimat Carmelo Bianco ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 li permezz tagħha ġiet interpellata tħallas is-somma ta' €15,493.80. Wara li ġiet notifikata, r-rikorrenti ma ħadet l-ebda passi sabiex tikkontesta t-talba magħmula fil-konfront tagħha u għalhekk l-intimat Bianco ottjena fil-konfront tagħha titolu eżekuttiv u pproċeda sabiex jintavola s-sekwestru eżekuttiv nru 909/2021 fejn fost is-sekwestratarji ġie inkluż il-Bank of Valletta p.l.c.

Ir-rikorrenti spjegat fir-rikors tagħha illi mal-Bank of Valletta hija għandha kont bankarju li fih tirċevi benefiċċju soċjali mid-dipartiment tas-servizzi soċjali u li b'effett tal-mandat eżekuttiv de quo ma tixtax aktar tiġbed tali benefiċju. Tgħid fir-rikors tagħha illi l-benefiċċju tas-sigurta soċjali li hija intitolata għalih qed jinżamm mill-Bank of Valletta qua sekwestratarju. Għalhekk titlob it-tħassir tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv minn fuq is-sekwestratarju Bank of Valletta plc.

Is-sekwestrant **intimat Carmelo Bianco wieġeb b'risposta tad-19 ta' Ottubru 2021** fejn qed jopponi għal dan ir-rikors u jissottometti illi għalkemm huwa minnu li Artikolu 381 (1) (b) tal-Kap. 12 jipprovdi li ma jistgħux jiġu sekwestrati benefiċċji, pensjonijiet, allowances jew għajnuniet msemmija fl-Att dwar is-Sigurta Soċjali jew pensjoni jew allowance oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern; fil-każ odjern, appena l-

benefiċċju jiġi depożitat f'kont bankarju ma tfaddil u depożiti oħra fl-istess kont; allura l-ammont depożitat ma jistax aktar jitqies li għadu jgawdi mill-privileġġ mogħti bl-artikolu 381 tal-Kap. 12.

Wara li l-Qorti kkonstatat li sew ir-rikors kif ukoll ir-risposta kellhom dokumenti msemmija fihom nieqsa, b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2021 appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tat-2 ta' Novembru 2021 li dwarha ġew avżati l-avukati tal-partijiet.

Fis-26 ta' Ottubru 2021 l-intimat sekwestrant ippreżenta nota b'kopja taċ-ċedola ta' depożitu li ma kenitx ġiet annessa mar-risposta tiegħu.

Għas-seduta tat-2 ta' Novembru 2021 la dehru l-partijiet u lanqas l-avukati tagħhom u għalhekk il-Qorti ħalliet ir-rikors għal digriet kamerali.

Fit-8 ta' Novembru 2021 il-Qorti tat digriet kamerali li permezz tiegħu ċaħdet ir-rikors primarjament minħahha li r-rikorrenti ma resqet l-ebda prova dwar il-benefiċċju soċjali allegatament depożitat fil-kont bankarju tagħha mal-Bank of Valletta.

Fis-17 ta' Novembru 2021 ir-rikorrenti preżentat rikors fejn talbet ir-revoka contrario imperio tad-digriet tat-8 ta' Novembru2021 għar-raġunijiet hemm mogħtija.

Fid-29 ta' Novembru 2021 il-Qorti, wara li kkonstatat illi għas-seduta tat-2 ta' Novembru 2021 ir-Reġistratur kien naqas illi joħroġ l-avviżi tas-smiegħ, irrevokat contrario imperio d-digriet tagħha tat-8 ta' Novembru 2021 u appuntat ir-rikors għas-smiegħ mill-ġdid.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta’ Jannar 2022 xhedet ir-rikorrent fejn resqet il-provi dokumentarji relativi għall-finijiet li tipprova illi d-depożiti fil-kont bankarju msemmi fir-rikors promotur jirrappreżentaw l-assistenza soċjali lilha mħallsa mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Ir-rikorrenti qed titlob li l-Qorti tħassar l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv nru 909/2021 “limitatament u cioe’ f’dak li jirrigwarda lis-sekwestratarju Bank of Valletta p.lc.”.

Jingħad mill-ewwel illi l-fatt li f’kont bankarju ġie allegatament depożitat benefiċċju soċjali ma jintitolax lis-sekwestrat jitlob ir-revoka tal-effetti kollha tal-mandat minn fuq sekwestratarju li f’idejh ikun ġie hekk depożitat benefiċċju soċjali.

It-talba kif impostata m’għandiex fondament legali u l-Qorti setgħat waqfet hawn.

***Il Piu’ Comprende il Meno***.

Pero’, tenut kont illi hawn si tratta allegatament ta’ pagament ta’ benefiċċju soċjali u allura wisq probabli l-mertu jeffettwa l-ħtiġijiet bażiċi tar-rikorrenti, il-Qorti hija propensa li tikkonsidra t-talba in linea mal-massima *il piu’ comprende il meno*.[1] U dan b’miżura ridotta fis-sens li tikkonsidra li fit-talba hemm inkluż talba għar-revoka tal-effetti tas-sekwestru eżekuttiv fuq dak l-ammont trasferit fil-kont bankarju li r-rikorrenti għandha mal-Bank of Valletta plc, rappreżentanti l-ammont li allegatament ġie trasferit mid-

[1] Ara Appell (Superjuri) **Giuseppe Camilleri v. Emanuele Camilleri et** - 28/04/2021; u Appell (Inferjuri) **Melita Limited vs. Jody Pisani** - 22/09/2021).

Direttur tas-Siġurta Soċjali fil-kont bankarju tar-rikorrenti bħala għajnuna soċjali.

**Att LXII tal-2021**.

Rilevanti jiġi osservat illi proprju fil-mori ta' dan ir-rikors, preċiżament fid-29 ta' Ottubru 2021, ġie promulgat l-**Att LXII tal-2021** li permezz tiegħu ġie emendat Artikolu 381 tal-Kap. 12 fis-sens li fost l-oħrajn ġie miżjud fil-lista' ta' dak li ma hux sekwestrabbli :

> (j) kontijiet bankarji li huma użati biss u esklussivament biex jirċievu fihom depożiti skont il-paragrafi (b), (ċ) u (i). Banek li huma indikati bħala sekwestratarji f'mandat ta' sekwestru għandhom jiżguraw li dawn il-kontijiet ma jiġux milquta bl-effetti tal-istess mandat ta' sekwestru:Iżda l-banek huma obbligati li jiftħu, u jżommu miftuħa, il-kontijiet bankarji għall-għanijiet hawn fuq imsemmija.".

Bit-testimonjanza tagħha tal-24 ta' Jannar 2022 u bid-dokumenti minnha preżentati fl-istess udjenza, ir-rikorrenti ippruvat sodisfaċentement illi fil-kont bankarju numru 400......132 intestat f'isimha mal-Bank of Valletta qed jiġu depożitati mensilment mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ammonti rappreżentanti għajnuna soċjali. Jirriżulta wkoll illi l-ammont sekwestrat f'idejn il-Bank of Valletta kien jirrapreżenta benefiċċju soċjali lilha dovut u trasferit mid-Direttur tas-Siġurta Soċjali fil-kont bankarju tagħha mal-Bank of Valletta u li eventwalment ġie depożitat taħt l-awtorita' tal-qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1284/21 datata 8 ta' Lulju2021.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ippruvat sodisfaċentement illi l-provenjenza tal-ammont depożitat fil-kont bankarju tagħha u eventwalment

depożitat mill-Bank of Valleta taħt l-awtorita' tal-qorti bil-meżż taċ-ċedola numru 1284/21 huwa benefiċju soċjali destinat lir-rikorrenti.

**Decide**..

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat konformement ma' dak hawn deċiż,

1. Tilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti fis-sens illi tordna li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 909/2021 ma jkollux effett fuq l-ammonti depożitati mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali fil-kont bankarju intestat f'isem ir-rikorrenti mal-Bank of Valletta plc (kont numru 400.......132).

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tiżbanka miċ-ċedola ta' depożitu numru 1284/21 l-ammonti rappreżenanti l-benefiċju soċjali depożitat mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali fil-kont bankarju tar-rikorrenti mal-Bank of Valletta plc.

Bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Mogħti kameralment illum 25 ta' Jannar 2022.**

**Onor. Imħallef Robert G. Mangion, LL.D.**